# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 52**

**Rikors numru 556/18/1 FDP**

**Ian Spiteri**

**v.**

**Angelique Xerri**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2022 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, dik il-Qorti filwaqt li sabet li l-konvenuta hija debitriċi tiegħu fl-ammont ta' sebat elef u ħmistax -il ewro (€7,015) u dan għal spejjeż magħmula minnu fil-fond bl-indirizz ta' '40/42, Triq San Edwardu, Birżebbuġia', ordnat lill-

istess konvenuta sabiex tħallasu dak l-istess ammont, flimkien ma' sehem ta' wieħed minn ħamsa tal-ispejjeż tal-kawża;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf tal-31 ta' Mejju, 2018, l-attur spega li huwa wettaq bosta xogħlijiet fil-fond bl-indirizz ta' *'40-42, Triq San Edwardu, Birżebbuġia',* li huwa proprjetà tal-konvenuta, u li f'dak iż-żmien kien f'relazzjoni magħha. Filwaqt li jsemmi li kien ħareġ xi pagamenti għal self li ttieħed ukoll għall-benefiċċju tal-istess konvenuta, żied jgħid li huwa la tħallas għax-xogħlijiet magħmula minnu u lanqas ma ntraddulu lura l-flejjes li ħareġ minn butu għall-kostruzzjoni tal-istess fond. Semma wkoll li l-partijiet kienu fetħu kont bankarju konġunt u lmenta li l-flejjes li kien hemm ġewwa fih inġibdu mill-konvenuta, u dan minkejja li nofshom huma tiegħu. Għalaq imbagħad billi jgħid li minkejja li talab lill-konvenuta kemm-il darba sabiex tħallsu dak kollu li huwa dovut lilu, din naqset milli tagħmel hekk, u minħabba f'hekk huwa kellu jibda dawn il-proċeduri li fihom talab lill-Qorti sabiex:

> *"(1) Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tal-attur għal ammonti dovuti lilu kemm in rigward ta' xogħol eżegwit fil-propjetà tagħha, kemm in rigward ta' materjal mixtri għall-istess xogħolijiet, kemm bħala pagamenti ta' loan imħallsa mill-attur favur il-konvenuta, kif ukoll in rigward ta' sehemu minn joint account li kellhom;*
>
> *(2) Tillikwida l-ammonti kollha dovuti mill-intimata lill-attur, jekk ikun hemm ħtieġa bl-opera ta' esperti maħtura mill-Qorti;*
>
> *(3) Tordna lill-intimata tħallas lill-attur kwalunkwe somma globali hekk likwidata u dikjarat dovuta mill-istess intimata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali 4105/16 tal-14 ta' Diċembru 2016 u 28/18 tat-13 ta' Frar 2018 kontra l-istess intimata, u tal-ittri legali tal-1 t'Awwissu 2017 u tal-11 t'Ottubru 2017, u bl-interessi skond il-liġi mill-14 ta' Diċembru 2016 kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

3. Bi tweġiba maħlufa mressqa fl-20 ta' Ġunju, 2018, il-konvenuta, filwaqt li qalet li hija kienet ħallset lill-attur dawk il-flejjes li kien ħareġ għas-self konġunt, kif ukoll għal kull pagament li kien talabha u li għalih urieha rċevuta fiskali, stqarret li hija ma kellha *"l-ebda problema li tħallas għall-ħlasijiet li ma ġewx preżentanti jekk jirriżultaw dovuti".* Min-naħa l-oħra, u sa fejn għandu x'jaqsam mal-pretensjoni dwar nofs il-flejjes li kien hemm fil-kont bankarju konġunt, qalet li l-flejjes li kienu depożitati hemmhekk kienu kollha tagħha u dan għaliex kienu s-sehem tagħha mir-rigali tat-tieġ riċevuti mill-mistednin tagħha;

4. B'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2022, l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima, billi għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, laqgħet it-talbiet tal-attur b'dan il-mod:

*"Tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' sebat elef u ħmistax-il euro (€7,015) in rigward ta' spejjeż minnu inkorsi fil-fond ta' l-intimata 40/42, Triq San Edwardu, Birzebbugia.*

*Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' sebat elef u ħmistax-il euro (€7,015).*

*Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom jiġu sopportati, kwantu għal sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) mill-intimata, w il-kumplament mir-rikorrent.*

*Imgħax huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv."*

5. L-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") appella mill-imsemmija sentenza b'rikors li ressaq fil-25 ta' Novembru, 2022, u li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lill-Qorti sabiex *"tvarja s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet Ian Spiteri vs Angelique Xerri, u dan billi tikkonfermaha in kwantu biss din iddikjarat lill-intimata bħala debitriċi tal-attur, però tirrevokaha fil-kumplament tagħha fis-sens li l-intimata m'għandhiex tiġi dikjarata debitriċi tal-attur fl-ammont ta' €7,015, biss iżda ta' ammont ferm akbar kif mitlub minn Ian Spiteri u ulterjorment kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali relattiva u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata appellata"*;

6. Min-naħa l-oħra, l-konvenuta (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellata") laqgħet għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnha fil-14 ta' Diċembru, 2022, qalet li s-sentenza appellata hija tajba kemm minn aspett fattwali kif ukoll minn dak legali u għalhekk jixirqilha li tiġi kkonfermata għal kollox, u dan bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant;

7. Wara li rat l-atti proċesswali kollha, kif ukoll qieset li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet, il-Qorti ma tqisx li hemm il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk ser tkun qed tgħaddi minnufih

għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Ikkunsidrat:***

8. L-appellant qiegħed jiġbor l-ilmenti tiegħu f'sitt aggravji ewlenin, li ser ikunu qed jiġu mistħarrġa fl-istess ordni li tqajmu fir-rikors tal-appell;

9. Fl-**ewwel aggravju**, l-appellant qiegħed jilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam mal-pretensjoni tiegħu dwar dawk il-flejjes li ħareġ bħala pagamenti għal self bankarju li kien ħa flimkien mal-appellata, u dan għall-bini tal-proprjetà bl-indirizz '40/42, Triq San Edwardu, Birżebbuġia'. Filwaqt li jsemmi li l-appellata kienet tassew iddepożitat l-ammont pretiż minnu fil-Qorti, u dan permezz ta' ċedola ta' depożitu datata 22 ta' Frar, 2018, jilmenta li l-appellata kienet *"rabtet l-iżbank tagħhom ma' deċiżjoni tal-Qorti"* u li kien biss fit-13 ta' Lulju, 2020, li awtorizzatu sabiex ikun jista' jiġbidhom. Skont l-appellant, dan kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tordna lill-appellata tagħmel tajjeb għall-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €3,351.95 u dan mid-data li fiha sejħilha sabiex 'tgħaddilu kulma kellha tagħtih' permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 4105/16, datata 14 ta' Diċembru, 2016;

10. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tiċħad li l-appellant kellu bżonn ta' xi kawża biex jiġbed l-flejjes li hija ddepożitat il-Qorti u targumenta li r-raġuni ewlenija għalfejn l-appellant ma kienx ġibed dawk il-flejjes kienet biss għaliex hija ma kinitx iddepożitat l-ammont kollu pretiż minnu. Tissottometti li kulma kellu bżonn biex jiġbed dawk il-flejjes kien biss rikors ta' żbank u ssemmi li hija tat il-kunsens tagħha lill-appellant minnufih hekk kif dan talabha biex tagħmel hekk. Tagħlaq imbagħad billi tosserva li meta l-appellant iddeċieda li jiżbanka l-flus depożitati minnha l-Qorti, dan kien għamel hekk mingħajr riżerva għal xi pretensjoni dwar l-imgħax, u konsegwentement l-appellata hija tal-fehma li mhuwa dovut l-ebda imgħax fuq dawk il-flejjes;

11. Wara li qieset l-argumenti tal-partijet u dan sa fejn għandu x'jaqsam l-ewwel aggravju, l-Qorti titlaq biex tosserva li għalkemm l-appellant qed jipprova jagħti l-impressjoni li huwa sejjaħ lill-appellata sabiex *"tgħaddilu kull ma kellha ttih"* (sic!) permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 4105/16, u għalhekk l-imgħaxijiet legali bdew jgħaddu minn dakinhar, minn ħarsa lejn il-kontenut ta' dik l-ittra uffiċjali jirriżulta mod ieħor. Il-flejjes li ħareġ bħala pagamenti għas-self li dwaru huwa dan l-aggravju ma ssemmew imkien f'dik l-ittra, u s-sejħa tiegħu f'dik l-ittra kienet limitata għall-ħlas ta' dawk il-flejjes dovuti lilu "*in rigward tal-imsemmija xogħlijiet u materjal użat".*[1] L-appellant ma jistax għalhekk jippretendi li l-appellata għandha tagħmel

[1] Ara 'Dok A', fol 4.

tajjeb għall-imgħaxijiet fuq is-somma ta' €3,351.95 mid-data tal-14 ta' Diċembru, 2016;

12. Ma jistax però jingħad l-istess għall-ittra uffiċjali bin-numru 28/2018. F'dik l-ittra, l-appellant kien għamilha ċara li qed jitlob lill-appellata biex fost l-oħrajn tħallsu: *"€3,351.95 ammont ta' pagamenti magħmula minnu lill-BOV fl-interess [tagħha]'.*[2] Peress li din is-sejħa għall-ħlas tissodisfa dak li titlob il-liġi,[3] allura l-imgħaxijiet fuq din is-somma għandhom jitqiesu li bdew jgħaddu mill-20 ta' Frar, 2018, li hija d-data li fiha l-appellata ġiet notifikata b'dik l-ittra uffiċjali;[4]

13. Stabbilit li l-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €3,351.95 bdew jgħaddu mill-20 ta' Frar, 2018, din il-Qorti jmissha tistħarreġ dwar jekk id-depożitu fil-Qorti tal-ammont ta' €3,351.95, permezz taċ-ċedola ta' depożitu mressqa mill-appellata fit-22 ta' Frar, 2018,[5] jikkwalifikax bħala *"depożitu skont il-liġi".* Il-relevanza ta' din il-konsiderazzjoni, tinsab propju fl-Artikolu 1173(2) tal-Kap. 16, fejn hemmhekk insibu li *"d-depożitu magħmul skont il-liġi jiswa daqs il-ħlas".* Naturalment, jekk id-depożitu jkun jiswa daqs il-ħlas, allura dan iwassal għat-tmiem tal-obbligazzjoni, u għalhekk iġib fix-xejn il-pretensjoni tal-appellant li huwa jistħoqqlu jingħata l-imgħaxijiet sat-13 ta' Lulju, 2020: li kienet id-data ta' meta ġibed

[2] Ara 'Dok PF6', fol. 88
[3] Ara l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Ara r-riferta tal-uffiċjal eżekuttiv Georgina Sultana, fol. 116.
[5] 'Ara 'Dok. IS2', fol 27.

dawk il-flejjes mill-Qorti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Saviour Mercieca et. v. Carmel Galea,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-7 ta' Lulju, 2005[6]).

14. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-konsegwenza li jġib miegħu xenarju fejn id-depożitu li ma jkunx sar *"skont il-liġi"* hija mbagħad misjuba fl-Artikolu 1174(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan l-artikolu nsibu li *"Id-depożitu m'għandux l-effetti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida".* Każ partikolari li fih inxteħet aktar dawl fuq dan l-artikolu kien dak fl-ismijiet ta' ***Remigio Camilleri et. v. Joseph Caruana Soler et.***, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-27 ta' April, 1965,[7] u li fih intqal b'mod partikolari li: *"biex depożitu ġudizzjarju jkun validu jrid jiġi preċedut minn offerta tas-somma kollha dovuta, minn rifjut ta' l-istess offerta, u minn depożitu a favur tal-kredituri kollha u mhux ta' wieħed minnhom biss".* Element essenzjali għas-siwi ta' depożitu ġudizzjarju huwa għalhekk li l-kreditur irid ikun qabel xejn irrifjuta li jaċċetta l-ħlas;[8]

15. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti tosserva li f'dan il-każ ma tressqet l-ebda prova li permezz tagħha ntwera

---

[6] App. Ċiv. Nru 60/2000/1PS.
[7] Kollez. Vol. XLIX, II, 878.
[8] Ara wkoll is-sentenzi fl-ismijiet ta': ***Rausi Insurance Agency Limited v. Charles sive Carmel Galea et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2007, (App. Ċiv. 62/2002/1), u ***Paul Mifsud et. v. Jimmy sive James Grech et.,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-6 ta' Ottubru, 2010, (App. Ċiv. Nru. 35/2009/1PS).

li l-appellata ppruvat tgħaddi l-ammont ta' €3,351.95 lill-attur appellant, u li dan irrifjuta li jaċċettahom. Għall-kuntrarju, l-provi li tressqu fl-atti tal-kawża huma b'tali mod li juru li l-appellata qabdet u ddepożitat il-flejjes il-Qorti u dan qabel biss ma ppruvat tgħaddihom lill-appellant. Fil-fatt, meta speċifikatament mistoqsija: *"[g]ħax ma qbadx u tajthomlu flok poġġejthomlu l-Qorti?",* l-appellata ma semmiet xejn li l-appellant kien irrifjuta li jaċċetta l-pagament min-naħa tagħha, u minflok wieġbet li għamlet hekk għaliex imxiet fuq parir tal-avukat tagħha.[9] F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li d-depożitu ta' €3,351.95 fil-Qorti kien *"jiswa daqs il-ħlas",* u la l-obbligazzjoni ma ġietx mitmuma fit-22 ta' Frar, 2018, allura l-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €3,351.95 baqgħu għaddejjin u dan sakemm dawk il-flus ġew eventwalment miġbuda mill-appellant fit-13 ta' Lulju, 2020;

16. Fuq nota aħħarija, u dan b'referenza għall-osservazzjoni tal-appellata li "*meta ġie żbankat dan l-ammont ma kienet saret l-ebda riżerva għal xi pretensjoni dwar l-imgħax",* il-Qorti hija tal-fehma li l-iżbank ta' dawk il-flus ma setax jiġi meqjus bħala rinunzja għall-imgħaxijiet u dan għaliex minbarra li r-rinunzja trid tkun ċara, f'dan il-każ ma tniżżel imkien li dak il-ħlas kien għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-appellant;

[9] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Angelique Xerri, li sar fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2022, fol: 208 *tergo* sa fol 209 *tergo*.

17. Jiġi b'hekk li l-ewwel aggravju huwa siewi u ser ikun qed jintlaqa' b'tali mod li l-appellata ser tiġi ordnata biex tħallas ukoll lill-appellant is-somma ta' **<u>€642.11</u>** li tirrappreżenta l-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €3,351.95, u dan mill-20 ta' Frar, 2018, sat-13 ta' Lulju, 2020;

18. It-**<u>tieni aggravju</u>** huwa mbagħad dwar l-apprezzament tal-provi li ġie mwettaq mill-Ewwel Qorti u dan sa fejn għandu x'jaqsam mat-talba tal-appellant sabiex l-appellata troddlu lura dawk l-flejjes kollha li ħareġ minn butu għall-bini u t-tlestija tad-dar tagħha. Filwaqt li josserva li fil-prinċipju, l-Ewwel Qorti aċċettat li l-appellata kellha troddlu lura dawk l-ispejjeż, jargumenta li fl-istess waqt dik il-Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li huwa rnexxielu jipprova biss dawk l-ispejjeż li għalihom ressaq irċevuta fiskali. Jfakkar li fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019, huwa kien ressaq għadd ta' rċevuti kontenuti f'dokumenti 'IS-4 sa IS-10', u jgħid li l-konvenuta ma kienet ressqet l-ebda nota sabiex tikkontesta dawk l-irċevuti u dan skont kif ordnat dik il-Qorti. Fid-dawl ta' dan, jissottometti li huwa ma kienx jeħtieġlu li jġib provi oħra fir-rigward ta' dawk il-ħlasijiet u dan għaliex fil-*verbal* tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019, l-Ewwel Qorti stess kienet qalet li f'ċirkostanza bħal dik, hija kienet ser "*tqis li ma hemmx ħtieġa għal-xhieda biex jikkonfermaw dawn ir-riċevuti.*" Jfakkar ukoll li fl-istess seduta l-Ewwel Qorti kienet idderiġietu sabiex jippreżenta *"nota b'kopja ta' tali ċekkijiet biex wara jiġi verifikat jekk hemmx bżonn ta' xhud biex jikkonferma dawk iċ-ċekkijiet".*

Skont l-appellant, b'dan kollu l-Ewwel Qorti *"poġġiet il-ballun f'saqajn l-intimata biex tara jekk tali ċekkijiet riditx li jiġu korroborati bi provi ulterjuri"*, u fil-kuntest ta' dan kollu jargumenta li l-passività tal-intimata fil-kuntest tal-verbal tat-12 ta' Novembru, 2019, kellu jittieħed bħala aċċettazzjoni ta' kull spiża li ppreżenta l-attur;

19. Wara li jissottometti dan kollu, l-appellant imbagħad jgħaddi biex jirreferi għal ħafna mill-ispejjeż li jgħid li ressaq provi dwarhom. Jargumenta li mhuwa xejn ġust li huwa ħallas eluf ta' ewro għall-benefiċċju tal-appellata, u għaliex ma nħarġitlux irċevuta fiskali jew inkella għax ma żammx dawk l-irċevuti huwa ma setax jiġi kkumpensat għal dawk l-ispejjeż. Sfiq ma' dan, jargumenta li hawnhekk m'aħniex fil-kamp kriminali fejn iridu jitressqu l-aħjar provi lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u jissottometti li f'każijiet bħal dawn il-Qorti għandha tgħarbel il-provi taż-żewġ naħat u tqis li ġie ppruvat dak li tqis li għandu l-aktar mis-sewwa. F'dan ir-rigward, l-appellant jgħid li huwa ġab il-provi tal-infiq tiegħu b'dak kollu li kellu f'idejh u l-konvenuta ma kkontestatx it-tali nfieq bi provi aħjar, tant li, fi kliemu, fl-aħħar tat-tieni kontro-eżami tagħha, l-appellata ammettiet li m'għandha l-ebda riċevuta jew dokument li jxejjen il-provi li ressaq hu;

20. Min-naħa l-oħra, l-appellata tibda biex tirribatti li dak li qed jitlob l-appellant mhuwa xejn għajr stedina lil din il-Qorti sabiex twettaq

apprezzament mill-ġdid tal-provi u tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Tgħid li bħala Qorti ta' reviżjoni, din il-Qorti m'għandhiex ixxekkel id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fit-twettiq tal-apprezzament tal-provi u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi, li fi kliem l-appellata, l-appellant naqas milli juri. B'referenza għall-argumenti tal-appellant dwar il-verbal tat-12 ta' Novembru, 2019, l-appellata tgħid li l-prinċipju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, u minħabba f'hekk, l-appellant ma jistax jistrieh fuq l-argument li hi jew l-Ewwel Qorti ma dderiġietux biex iressaq provi aħjar milli ressaq. B'rabta ma' dan, tqis bħala 'gidba assoluta' d-dikjarazzjoni tal-appellant li hu kien qed jingħata x'jifhem li l-provi tiegħu ma kinux kontestati u biex issaħħaħ dan tirreferi għall-eċċezzjonijiet imressqa minnha li fihom insistiet sa mill-bidu nett tal-kawża li l-appellant kellu jippreżenta l-irċevuti fiskali kollha tal-ispejjeż li kien qed jitlob li jiġi rifuż tagħhom. Skont l-appellata, l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li ma qisitx bħala ppruvata kull nefqa li għaliha l-appellant ma ressaqx irċevuta fiskali u tissottometti li l-appellant ma kienx kapaċi jressaq dawk l-irċevuti għaliex "*għażel li jiddewfrada l-errarju pubbliku u ma ħallasx taxxa fuq il-valur miżjud*". F'dan ir-rigward, tirreferi mbagħad għall-ġurisprudenza billi targumenta li l-Qrati dejjem irraġunaw li ladarba persuna tagħżel minn jeddha li ma timxix mal-obbligi statutorji tagħha u bl-egħmil tagħha tiddewfrada l-erarju pubbliku, allura dik il-persuna ma tistax taqbad u tmur u titlob il-kenn tal-Qrati meta l-affarijiet ma jimxux kif mistenni;

21. Hekk kif il-Qorti għadha kemm ħadet qies tal-argumenti ewlenin taż-żewġ naħat u dan sa fejn għandu x'jaqsam mat-tieni aggravju, l-Qorti tibda biex tagħraf li l-qofol ta' dan l-aggravju sewwasew jistrieh fuq l-kritika tal-proċess ta' apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti;

22. Għalkemm huwa minnu li fejn jidħlu lmenti dwar apprezzament ħażin tal-provi, din il-Qorti ma tiddisturbax b'mod laxk l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, madankollu huwa wkoll minnu li din il-Qorti mhux biss għandha s-setgħa, iżda fuq kollox id-dmir li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Filwaqt li din il-Qorti mhijiex għalhekk ser tkun qed taqleb il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti fejn jidher li għażlet bejn żewġ possibilitajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn huma plawsibbli, min-naħa l-oħra, din il-Qorti mhijiex ser tkun qed toqgħod lura milli tikkoreġi kull apprezzament ta' fatti li jidhrilha li huma żbaljati.[10] Huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant;

23. Iċċarat dan, minn ħarsa lejn il-kunsiderazzjonijiet li ġew imniżżla fis-sentenza appellata u speċifikatament dawk taħt it-taqsima *"Flejjes relatati mal-bini tad-dar ta' l-intimata 40-42 fi Triq San Edwardu, Birżebbuġia",* din il-Qorti tibda biex tosserva li l-appellant għandu raġun

[10] Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw,*** deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2023, (App. Ċiv. 838/2019/1); ***L-Inġinier Nehad Khalifa et v. Maria Anna Scicluna,*** deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 2022, (App. Ċiv. 216/2017/1); u ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et,*** deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru, 2018, (App. Ċiv. 891/2014).

meta qed jgħid li l-Ewwel Qorti qieset biss bħala ppruvat dak l-infieq li għalih ressaq irċevuta fiskali. Kemm hu hekk, l-Ewwel Qorti qalet li *"ċertament din il-Qorti ma' tista' qatt tagħmel bħala tagħha prova ta' ħlas li ma hijiex riċevuta fiskali"*,[11] u aktar tard qalet li *"fin-nuqqas ta' tali prova fiskali, il-Qorti ma tistax taċċetta ebda rikjesta għal riżarċiment ta' ħlas mhux uffiċjalment ikkonfermat"*;[12]

24. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant għandu raġun li qed jilmenta minn dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti. Filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti għandha d-dmir li titlob li ssirilha l-aħjar prova, u l-preżentata tal-irċevuti fiskali huma tabilħaqq l-aħjar prova tal-ispejjeż li l-appellant qed jitlob lura, min-naħa l-oħra ma jistax jintesa li kliem il-liġi fl-Artikolu 559 mhuwiex assolut, iżda kwalifikat bil-frażi *"l-aħjar prova <u>li parti tista' ġġib</u>".* Naturalment, jekk parti ma jkollhiex f'idejha l-irċevuti fiskali, allura dik il-parti ma tistax tkun raġonevolment mistennija li tressaq l-irċevuti fiskali bħala prova tal-ħlas, u l-Imħallef għandu joqgħod fuq provi oħra li jistgħu jissodisfawh.[13] Kemm hu hekk, ingħad kemm-il darba mill-Qrati li fin-nuqqas ta' rċevuta, il-prova tal-ħlas tista' ssir b'mezzi oħrajn bħal dokumenti, xhieda, l-konfessjoni tal-kontroparti, u provi ndiretti oħrajn bħalma huma preżunzjonijiet u ndizzji

---
[11] Estratt meħud minn paragrafu 39 tas-sentenza appellata.
[12] Estratt meħud minn paragrafu 42 tas-sentenza appellata.
[13] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Myriam Fenech Adami v. Anna Gatt et,*** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2022, (App. Ċiv. Nru. 1103/07/1).

li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant.[14] M'għamlitx sew għalhekk l-Ewwel Qorti meta qatgħet linja dritta fis-sens li qieset bħala ppruvati biss dawk il-ħlasijiet li għalihom l-appellat wera rċevuta fiskali, filwaqt li skartat il-bqija tal-provi l-oħra;

25. F'dan ir-rigward, l-appellata qed tipprova tiddefendi l-ħtieġa tal-preżentata tal-irċevuti fiskali billi tqajjem kwistjoni ta' ordni pubblika u targumenta li la *"l-appellant għażel li jiddefrawda l-erarju pubbliku u ma ħallasx taxxa fuq il-valur miżjud"* allura ma jistax issa jsib il-kenn tal-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument huwa però fundamentalment ħażin, u dan għaliex skont l-Artikolu 20(1)(a) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, *"il-ħlas tat-taxxa fuq provvista taxxabbli għandu jkun ir-responsabiltà tal-persuna li tagħmel il-provvista".* Jekk inkisret xi liġi, din ma nkisritx mill-appellant, iżda minn min ma ħariġx irċevuta fiskali u kien ultimament responsabbli li jiġbor it-taxxa fuq il-valur miżjud. L-argument tal-appellata mhuwiex siewi u għalhekk qiegħed jiġi mwarrab;

26. Magħmula din il-parentesi, din il-Qorti wara li xtarret il-provi kollha, jidhrilha li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tqis li l-appellant irnexxielu jipprova biss l-ispejjeż ta' €7,015, konsistenti fil-ħlas ta': €2,015 lil Thermaseal Limited għal *'Insulation and Waterproofing',* €3,280 lil Kevin Vassallo għal *'Tħammil ta' plot b'hymac f'B'Bugia',* u €1,720 lil

[14] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina,*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2020, (App. Ċiv. 135/2010/1).

Kevin Vassalo għal *'Skavar ta' bir u pool fi plot f'Bugia'*; iżda wkoll kellha tqis bħala ppruvati dawn l-ispejjeż li ġejjin:

(i) L-ammont ta' €3,085 li tħallas lill-Perit Joseph S. Fenech;

(ii) L-ammont ta' €696.00 li tħallas għal *'site investigation*' li saret minn Terracore;

(iii) L-ammont ta' €1,611.00, li tħallas għall-bieb tal-garaxx tad-dar tal-appellata, u dan lil UDS Limited;

(iv) L-ammont ta' €455.00 li tħallas lill-Inġinier Christopher Sammut għall-*'Energy Performance Certificate'*;

(v) L-ammont ta' €4,278 bħala depożitu mħallas fuq il-kċina li twahhlet fid-dar tal-appellata;

(vi) L-ammont ta' €10,227 li tħallas lil Louis Camilleri u sieħbu fin-negozju Rennie Mangion li ġew imqabbda biex iwaqqgħu l-bini li kien hemm fuq l-art tal-appellata u li fuqha eventwalment inbniet id-dar tal-istess appellata; u

(vii) L-ammont ta' €1,300 li tħallas lill-Perit Antoine Sapiano;

27. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-ammont ta' €3,085 imħallas lill-Perit Joseph S. Fenech, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant irnexxielu jipprova dan il-pagament billi ressaq kopja awtentika ta' żewġ irċevuti maħruġa minn idejn il-Perit Joseph S. Fenech stess. F'dawn l-irċevuti mhux biss hemm imniżżel li l-ħlas kien qed isir minn *"Ian Spiteri",* iżda wkoll hemm miktub li tali ħlas sar *"on accounts of works at B'Buġia",*[15] u *"for works carried out on site at 42 Triq San Edward Birżebbuġia"*,[16] rispettivament. Ta' relevanza huwa wkoll il-fatt li dawn l-irċevuti kienu jiffurmaw parti mis-sett ta' rċevuti li ġew preżentati mill-appellant waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019, u li fiha, l-Ewwel Qorti vverbalizzat li jekk l-appellata ma kinitx ser iddaħħal l-ebda nota li permezz tagħha tindika liema rċevuti jeħtieġ li jiġu konfermati bil-ġurament, *"il-Qorti tqis li ma hemmx ħtieġa għall-xhieda biex jikkonfermaw dawn ir-riċevuti".*[17] Ġaladarba l-appellata naqset milli tressaq tali nota, u dan minkejja li mill-atti jirriżulta li l-appellata ġiet notifikata b'dawk l-irċevuti, allura l-appellant ma jistax ikun mistenni li kellu jressaq l-irċevuti lill-Perit Joseph S. Fenech sabiex jikkonfermahom bil-ġurament. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti tħoss li l-irċevuti 'Dok. IS9'[18] u 'IS10'[19] huma prova tajba biżżejjed u għalhekk tqis li l-appellant jistħoqqlu li jirċievi lura l-ammonti li jidhru f'dawk l-irċevuti;

[15] Ara Dok IS10, fol 43.
[16] Ara Dok IS9, fol 42.
[17] Estratt meħud mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019, fol 35.
[18] Fol. 42.
[19] Fol. 43.

28. L-istess jgħodd għall-ħlas ta' €696.00 li tħallas għal *'site investigation'* li saret minn 'Terracore'. Il-fattura li fuqha ġie mniżżel bl-idejn *"Paid 28-05-2014"* hija waħda mid-dokumenti li tressqu mill-appellant waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019, u għalhekk anke f'dan il-każ l-appellant ma kienx mistenni li jtella' xi xhud biex jikkonferma dak il-pagament. Tajjeb li jiġi osservat ukoll li dik il-fattura nħarġet fuq isem l-appellant u hija intestata *"RE TER14 – IAN001 – J2053 – Site Investigation at Triq San Gwann c/w Triq San Edwardu, Birzebbugia",* li huwa wkoll l-istess post fejn hemm id-dar tal-konvenuta. L-prova ta' dan il-ħlas tkompli mbagħad tiġi msaħħa mill-fatt li fil-prospett ta' nfiq mill-appellant,[20] l-appellant għamel ukoll referenza għal ċekk numru 23, li jirriżulta li huwa fl-istess ammont ta' €696.00, u datat *"28-05-2014"*.[21] Din id-data tal-aħħar hija l-istess data li fiha tniżżlet fil-kopja awtentika tal-fattura (Dok IS4) u għalhekk ma jistax jingħad li l-appellant ma rnexxielux jipprova dan il-ħlas sal-grad ta' bilanċ ta' probabilitajiet;

29. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-ħlas ta' €1,611, lil UDS Limited għall-bieb tal-garaxx tad-dar tal-appellata, l-Qorti tosserva li għalkemm l-appellant ma ressaqx irċevuta fiskali, huwa ressaq kopja ta' fattura maħruġa minn UDS Ltd, f'ismu stess u dan bl-indirizz ta' *'40 St. Edwards Str. B'Buġia'.*[22] L-ammont ta' €1,611.00 li hemm imniżżel f'din il-fattura

[20] Fol. 25.
[21] Ara Ċekk Nru. 23, 'Dok IS13', fol.55.
[22] Ara Dok. PF2, fol. 111.

jaqbel eżatt mal-ammont li tnizzel f'ċekk maħruġ mill-appellant u ndirizzat lill-istess "UDS Limited", u għaldaqstant anke hawnhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħid li dan il-ħlas ma ġiex sodisfaċentement ippruvat skont il-liġi;[23]

30. L-istess jgħodd għall-ammont ta' €455.00 reklamat bħala ħlas lill-Inġinier Christopher Sammut għall-*'Energy Performance Certificate'*. Filwaqt li mill-kopja tal-*'Energy Performance Certificate'* ma jitħalla l-ebda dubju li dan iċ-ċertifikat inħareġ għad-dar proprjetà tal-appellata, tant li hemm imniżżel l-indirizz ta' '*40/42, Triq San Edwardu c/w, Triq San Ġwann*', f'dak l-istess ċertifikat hemm imniżżel ukoll li dak iċ-ċertifikat inħareġ mill-inġinier Christopher Sammut u dan fit-2 ta' Frar, 2015.[24] Fil-prospett ta' nfiq tiegħu,[25] l-appellant irrefera għal din l-ispiża billi għamel referenza għal ċekk 34, li minn dan tal-aħħar jirriżulta kif, fl-istess jum li fih inħareġ dak iċ-ċertifikat, huwa kien sewwasew kiteb ċekk lil Christopher Sammut, fl-ammont ta' €455.00.[26] Fuq kollox, dawn il-provi dokumentarji jaqblu ukoll bl-eżatt mal-ispjegazzjoni li ġiet ipprovduta mill-appellant hekk kif kien qed jiġi kontroeżaminat fuq din l-ispiża waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2020.[27] Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti kellha

[23] Ara Ċekk Nru. 58, 'Dok IS16', fol 58.
[24] Ara 'Dok PF1', fol 105A.
[25] Fol. 25.
[26] Ara Ċekk 34, 'Dok IS15', fol. 57.
[27] Ara traskrizzjoni tal-kontroeżami tal-appellant li sar waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2020, fol 194 *tergo*. B'mod partikolari, l-appellant spjega li: *"[m]ela kif diġà spjegajt meta mort għall-EPC, l-engineer li ħariġli l-EPC qalli tini l-flus u ntik id-dokument. Issa jiena qed nipprezenta d-dokument lil Qorti."*

għalhekk ukoll tqis li l-appellant irnexxielu jipprova n-nefqa ta' €450 għall-*'Energy Performance Certificate'* li kkummissjona għad-dar tal-appellata;

31. Dwar in-nefqa ta' €4,278 bħala depożitu mħallas fuq il-kċina li twaħħlet fid-dar tal-appellata, din il-Qorti rat li l-appellata mhux biss li ma ċaħditx li l-appellant kien ħareġ dawn il-flejjes, iżda hi stess kkonfermat li *"[k]onna ftehmna sabiex nixtru kċina u kien lan stess li ħallas id-depożitu".* F'ċirkustanzi bħal dawn, fejn hemm ammissjoni tal-kontroparti, u l-appellant mhux biss qal fuq ġurament li kien ħallas dan id-depożitu iżda ressaq ukoll kopja ta' żewġ ċekkijiet biex jikkonfermaw dan il-ħlas,[28] l-Ewwel Qorti kellha tqis din in-nefqa wkoll bħala ppruvata;

32. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ammont ta' €10,227 li l-appellant qal li ħareġ bħala ħlas lil zijuh Louis Camilleri u s-sieħeb ta' zijuh fin-negozju Rennie Mangion, u dan għat-twaqqigħ tal-bini li kien hemm fuq l-art tal-appellata, l-Qorti tosserva li hawnhekk, Louis Camilleri stess xehed li huwa flimkien ma' sieħbu fin-negozju Rennie Mangion kienu tqabbdu biex jagħmlu xogħol ta' twaqqiegħ u kostruzzjoni ta' binja fuq l-art tal-konvenuta, u aktar importanti minn hekk, dan ix-xhud kkonferma wkoll li *"aħna konna tħallasna ta' xogħolna".*[29] Għalkemm l-appellata tipprova ġġib fix-xejn dan kollu billi tgħid li l-appellant ma kienx ħareġ

[28] Ara Ċekk Nru. 28, 'Dok IS14', fol 56, u Ċekk Nru. 29, 'Dok IS15', fol 57.
[29] Ara l-affidavit ta' Louis Camilleri, fol 32. Ara wkoll it-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Louis Camilleri li sar waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2020, fol 203.

flejjes għax-xogħol ta' dawn il-kuntratturi għaliex dawn tħallsu mis-self tal-bank,[30] din il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-verżjoni tal-appellata hija kredibbli. Apparti li l-appellata ma ressqet l-ebda xhud tal-bank jew dokument biex tikkonferma dak li kienet qed tgħid, il-verżjoni tal-appellant li huwa kien ħallas lil dawn il-kuntratturi minn butu u dan sa fejn għandu x'jaqsam mat-twaqqigħ tal-binja,[31] hija korroborata minn seba' ċekkijiet li huma maħruġa mill-appellant stess u li filwaqt li erbgħa minnhom ġew miktuba f'isem Louis Camilleri,[32] t-tlieta l-oħra ġew intestati f'isem Rennie Mangion.[33] Apparti li dawn iċ-ċekkijiet juru kif l-appellant kien tassew għadda lil dawn it-tnejn l-ammont globali ta' €10,227, minn ħarsa lejn dawn iċ-ċekkijiet jirriżulta wkoll li dawn is-seba' ċekkijiet huma kollha datati qabel ma' l-partijiet kienu akkwistaw l-faċilità ta' self mill-'Bank of Valletta' fis-17 ta' Frar, 2015.[34] Fil-kuntest ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li ma jistax raġonevolment jingħad li l-appellant ma rnexxielux jipprova li huwa kien ħareġ ukoll l-ammont ta' €10,227 bħala ħlas lil Louis Camilleri u lil Rennie Mangion għax-xogħol tat-twaqqigħ tal-binja li kien hemm minflok id-dar tal-intimata;

33. Fl-aħħar nett il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha wkoll tqis bħala ppruvat il-ħlas ta' <u>€1,300 lill-Perit Antoine Sapiano</u>. Apparti li dan il-ħlas

[30] Ara l-affidavit ta' Angelique Xerri, fol 136.
[31] Ara l-affidavit ta' Ian Spiteri, fol 23 u t-traskrizzjoni tal-kontroeżami tal-istess Ian Spiteri li sarlu waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju, 2020, fol 70.
[32] Ara ċekkijiet numru 22, 25, 27 u 32, 'Dok IS13- IS15', fol 55 sa 57.
[33] Ara ċekkijiet numru 17, 21 u 26, 'Dok IS12 – IS14', fol 54 sa 56.
[34] Ara l-kuntratt ta' self bankarju, 'Dok IS3', fol 28.

jirriżulta ppruvat minn erba' ċekkijiet li nħargu f'isem il-Perit Sapiano mill-appellant stess[35], l-appellata stess qalet li hija riedet tqabbad il-perit tal-fiduċja tagħha u minħabba f'hekk għażlu lill-Perit Antoine Sapiano li fassal il-pjanti u ppreżenta l-applikazzjoni għall-iżvilupp[36]. Tgħid ukoll li meta kienu ġew biex jibdew ix-xogħlijiet, lan u zijuh kienu nqalgħulhom xi differenzi ma' dan il-perit u minħabba f'hekk hija kienet sfurzata li tbiddlu u wara għażlu lill-perit Joseph Fenech.[37] Ġaladarba li l-appellata stess ikkonfermat l-involviment tal-Perit Sapiano fil-bini tad-dar tagħha, u l-appellant ressaq prova ċara tal-flejjes li għadda lill-Perit Sapiano, allura din il-Qorti lanqas ma tara għalfejn l-appellant għandu jiġi mċaħħad minn dawn l-flejjes li fl-aħħar mill-aħħar inħarġu għall-benefiċċju tal-appellata;

34. Fuq ix-xaqliba l-oħra, u sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-bqija tal-ispejjeż li ma ġewx imniżżla fil-paragrafi ta' qabel dan, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-appellant ma rnexxielux jipprova dawk il-ħlasijiet bil-mod kif trid il-liġi;

35. Pereżempju sa fejn għandu x'jaqsam mal-ħlas ta' €300 li l-appellant qed jgħid li għamel lil '<u>Ballut Blocks'</u> għal qtugħ tal-blat minn mal-appoġġi, l-appellant irrefera biss għal ċekk intestat *"Pay Cash"*[38], li m'għandu l-ebda rabta ma' 'Ballut Blocks'. Bl-istess mod, għalkemm l-

[35] Ara: Ċekkijiet numri 9 u 14, 'Dok IS11', fol.53; Ċekk numru 15, 'Dok IS12', fol, 54; u Ċekk numru 19 'Dok IS13', fol 55.
[36] Ara l-affidavit ta' Angelique Xerri, fol 133.
[37] Id.
[38] Ara ċekk numru 18, fol 51, li huwa riferut mill-appellant fil-prospett, fol 25.

appellant qed jgħid li ħareġ €400 għat-torba, l-appellant la ressaq prova tal-pagament u wisq anqas ma qal mingħand min xtara din it-torba. Kemm l-ispiża ta' 'Ballut Blocks' kif ukoll dik tat-torba lanqas m'hija msaħħa minn xi fatturi li jikkorroboraw din in-nefqa;

36. L-appellant lanqas ma ressaq prova tajba tal-ħlas tal-permess ta' żvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar. Għalkemm l-appellant, jgħid li huwa ħallas dan il-permess għand il-'Maltapost', u jagħmel referenza għal ċekk lill-istess 'Maltapost plc' fl-ammont ta' €1,968.94[39], din il-Qorti tħoss li l-appellant ma rnexxielux jipprova r-rabta bejn dan iċ-ċekk u l-ħlas tal-permess tal-iżvilupp. Iċ-ċekk li ppreżenta jipprova biss ħlas lill-Maltapost, u jekk huwa tassew minnu li l-Maltapost ma tawhx irċevuta li permezz tagħha wrewh għal xiex kienu qed jitħallsu dawk il-flus, l-appellant kien messu ħarrek lil xi ħadd mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jikkonferma dak il-ħlas;

37. L-istess jgħodd għall-ammonti li l-appellant qed jgħid li ħallas lil 'Buttigieg Insurance Borkers'. Għalkemm l-appellant irrefera għal ċekk fl-ammont ta' €555.00 li ħareġ f'isem 'Buttigieg Insurance Brokers'[40] u qal li huwa ħallas dawk il-flus sabiex għamel polza ta'assigurazzjoni għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, l-appellant la ressaq xi kopja tal-polza ta'assigurazzjoni u wisq inqas tal-fattura ta' dik il-polza li fil-prospett

[39] Ċekk Numru 12, 'Dok IS11', fol. 53.
[40] Ċekk Numru 18, 'Dok IS12', fol. 54.

imressaq minnu rrefera għaliha bħala 'Receipt No. 180196'. Ladarba l-appellant rrefera għal-irċevuta, dan messu ressaqha, għaliex dik kellha tkun l-aqwa prova li seta' jressaq;

38. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-irċevuti fiskali maħruġa minn '<u>Melita Store</u>', din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ma jistax isib kenn mill-fatt li dawn l-irċevuti kienu parti mis-sett ta' rċevuti li ġew preżentati fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019. Għalkemm huwa minnu li l-appellata ma ressqet l-ebda nota li permezz tagħha talbet li dawk l-irċevuti kellhom jiġu konfermati bil-ġurament, dan il-fatt waħdieni seta' jwassal biss lill-Ewwel Qorti biex tqis li ma kienx hemm ħtieġa għal xhieda biex jikkonfermaw il-kontenut ta' dawk l-irċevuti.[41] Fihom infushom dawk l-irċevuti huma biss prova tal-fatt li fid-dati stampati f'dawk l-irċevuti, l-ħanut 'Melita Store' kien irċieva l-flejjes indikati fuq dawk l-istess irċevuti. M'hemm l-ebda informazzjoni dwar min kien il-pagatur ta' dawk l-ammonti u wisq anqas jekk hemm xi informazzjoni dwar x'kien inxtara b'dawk il-flejjes. Agħar minn hekk, l-appellant lanqas biss ma ndejna ruħu li jindika bl-eżatt fiex kienu jikkonsistu dawk l-affarijiet li qal li xtara mingħand dan il-ħanut u dan minkejja li qal li kellu d-dokumentazzjoni dwar dan u li naqas milli jippreżenta fil-ħin opportun. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellant ma jistax għalhekk jippretendi li rnexxielu jipprova li ħallas il-flejjes li jidhru fuq l-irċevuti fiskali tal-'Melita Store' għall-benefiċċju tal-appellata, u

[41] Ara verbal tat-12 ta' Novembru, 2019, fol. 35.

minħabba f'hekk il-Qorti jidhrilha li l-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li tniżżlu f'paragrafu 41 tas-sentenza appellata huma tajba u mhux ser ikunu qed jiġu mittiefsa;

39. Il-Qorti lanqas ma tqis li l-appellant irnexxielu jipprova l-ispiża li ħareġ għal uħud mill-aperturi tal-aluminju li twaħħlu fid-dar tal-appellata. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex filwaqt li fix-xhieda tiegħu l-appellant b'mod konsistenti rrefera għall-persuna li wettqet u tħallset għax-xogħlijiet tal-aluminju bħala *"Ġorġ tal-Aluminium"*[42], meta ġie biex jagħmel referenza għal din in-nefqa fil-prospett li hemeż flimkien mal-affidavit tiegħu, l-appellant irrefera għal ċekk maħruġ f'isem 'Joseph Azzopardi'.[43] L-appellant naqas għal kollox milli jispjega r-rabta bejn "*Ġorġ tal-Aluminium"* u Joseph Azzopardi, u għalhekk anke hawnhekk l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-ammont ta' €2,006.00;

40. Bl-istess mod, għalkemm fl-affidavit tiegħu l-appellant qal li qabbad ħaddiem biex jiksi d-dar tal-appellata u li kien ħallsu minn butu, meta ġie biex jipprova dan il-ħlas l-appellant irrefera għal żewġ ċekkijiet, wieħed maħruġ f'isem Rita Gatt[44] u l-ieħor f'isem Osama Ebeid.[45] Filwaqt li fih innifsu dan huwa kontradittorju għaliex l-appellant qal li qabbad persuna

[42] Ara l-kontroeżamijiet ta' Ian Spiteri waqt is-seduti tat-13 ta' Lulju, 2020 u tas-26 ta' Ottubru, 2020, fol 75 u 197, rispettivament; kif ukoll l-affidavit ulterjuri ta' Ian Spiteri, fol. 123.
[43] Ara l-prospett fol. 25 u ċ-ċekk numru 35, 'Dok. IS15', fol. 57.
[44] Ċekk Nru. 41, 'Dok. IS16', fol. 58.
[45] Ċekk Nru. 42, 'Dok. IS16', fol. 58.

waħda u mhux tnejn, u la semma lil Rita Gatt u lanqas lil Osama Ebeid, il-Qorti tħoss li l-appellant lanqas ma kien xejn konsistenti f'dan ir-rigward. Kemm hu hekk, filwaqt li fil-kontro-eżami tat-13 ta' Lulju, 2020, l-appellant qal li kellu irċevuta għal din l-ispiża,[46] fl-affidavit ulterjuri li ppreżenta bħala ri-eżami tiegħu u dan wara dak il-kontro eżami tat-13 ta' Lulju, 2020, l-appellant ikkoreġa lilu nnifsu u qal li *"għalkemm kien mingħalija li kien ħarġilna xi karta, jew ma ħarġilna xejn jew ma sibthiex".*[47] Fl-aħħar kontroeżami, l-appellant imbagħad reġa' biddel il-verżjoni tiegħu billi qal li l-ħaddiem tal-kisi ma kienx tah irċevuta għaliex ix-xogħol ma kienx għadu kollu lest u li *"hu kien jgħidli li meta jitlesta x-xogħol kollu ħa noħroġlok kollox fuq l-ammont kollu".*[48] Osservazzjoni oħra li tkompli tikkonvinċi lill-Qorti li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma tat l-ebda kumpens lill-appellant għall-flejjes li qed jgħid li ħareġ għall-kisi tad-dar tal-appellata, hija l-fatt li ċ-ċekk intestat lill-Osama Ebeid inkiteb fil-5 ta' Awwissu, 2015, u ċioè fiż-żmien meta ż-żwieġ tiegħu mal-appellata kien diġà tfarrak. Kif tifhimha din il-Qorti, huwa ferm inverosimili li l-appellant kien sejjer jagħmel ħlas ta' elfejn ewro għall-benefiċċju tal-appellata, u dan mingħajr mank tal-anqas jitlob irċevuta nformali li turi kif u għalfejn huwa kien ħareġ dawk il-flus;

[46] Fol. 78.
[47] Ara l-affidavit ulterjuri ta' Ian Spiteri, fol. 123.
[48] Fol. 197 *tergo.*

41. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant u dan limitament għall-prova tal-ispejjeż imsemmija f'paragrafu 26 ta' din is-sentenza. Għaldaqstant, mal-ammont ta' €7,015 li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti ser ikun qed jiżdied ukoll l-ammont ta' **<u>€21,652.00</u>**;

42. Fit-**<u>tielet aggravju</u>** l-appellant imbagħad jilmenta li l-Ewwel Qorti "ma ppronunzjat ruħha xejn" dwar il-pretensjoni tiegħu li jiġi kkumpensat għax-xogħol manwali li wettaq fil-fond tal-appellata, u dan sa fejn għandu x'jaqsam: (i) mal-istallazzjoni tas-servizzi tad-dawl u l-ilma; u (ii) mal-għajnuna manwali li pprovda lill-bennej waqt il-bini. Jargumenta li l-appellata ma ċaħditx li huwa għamel dan ix-xogħol, anzi jgħid li 'ammettiet kollox' fl-aħħar kontroeżami tagħha. Skont l-appellant, il-kwistjoni mhijiex għalhekk dwar jekk għandux jingħata kumpens, iżda dwar kemm għandu jkun dan il-kumpens. Jgħid li bħala inġinier fl-elettriku, huwa jaf sewwa x'inhuma r-rati li jintalbu għal xogħlijiet ta' installar ta' servizzi tad-dawl u l-ilma, u jargumenta li l-ammont ta' €10,000 mitlub minnu għal dan ix-xogħol kien wieħed konservattiv. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-kumpens għall-għajnuna manwali fil-bini, jgħid li l-ammont ta' €3,500 ġie stmat minn dak il-bennej stess li huwa għen. L-appellant ifakkar li huwa ressaq ukoll rendikont dettaljat tax-xogħol kollu li wettaq u dan kif mitlub mill-Qorti stess waqt il-kontroeżami li sarlu fit-13 ta' Lulju, 2020. Jgħid li ma tqajmet l-ebda

oġġezzjoni għal dak ir-rendikont u minħabba f'hekk ma tqabbadx perit tekniku. Skont l-appellant, m'hemmx għalhekk xi ġustifikazzjoni għalfejn huwa m'għandux jitħallas tax-xogħol li għamel għall-benefiċċju tal-appellata;

43. L-appellata tirribatti billi tgħid li x-xogħol magħmul mill-appellant kien kontestat sa mill-bidu nett "u dan peress li ma għamel prattikament xejn". Dwar dawk ix-xogħlijiet li għamel, tgħid li l-appellant għamilhom minn jeddu għaliex fl-aħħar mill-aħħar kienu ser ikunu għall-benefiċċju tiegħu ukoll għaliex dik id-dar kellha tkun id-dar matrimonjali tagħhom. Tgħid li ma kien hemm għalhekk l-ebda ftehim ta' kumpens u x-xogħol kien qed jagħmlu b'mod gratuwitu;

44. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ammonti pretiżi mill-appellant, l-appellata tiċħad li l-appellant ressaq xi rendikont skont kif mitlub minnu fil-kontroeżami tat-13 ta' Lulju, 2020, u targumenta li jekk l-appellant ried li jinħatar perit, dan kellu jinħatar fuq inizjattiva tiegħu stess għaliex il-piż tal-prova jaqa' fuq min jallega. Tissottometti li l-Ewwel Qorti kellha ċ-ċans li tisma' lill-appellant jixhed diversi drabi quddiemha u li minn hemmhekk *"kienet kapaċi tasal għall-konklużjonijiet tagħha fuq dan li kellha quddiemha".* B'rabta ma' dan, targumenta li l-kredibiltà tal-appellant kienet diġà mtappna bil-fatt li filwaqt li fl-ittra uffiċjali tat-13 ta'

Frar 2018, huwa kien qed jitlobha madwar €22,851.95, f'din il-kawża issa kien qed jitlob kważi t-tripplu ta' hekk;

45. Wara li l-Qorti qieset l-argumenti taż-żewġ naħat u dan fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti u dak li ngħad fis-sentenza appellata, din il-Qorti titlaq biex tgħid li ma taqbilx mal-appellant meta jgħid li l-Ewwel Qorti "ma ppronunzjat ruħha xejn" dwar il-pretensjoni tiegħu li jiġi kkumpensat għax-xogħol manwali li wettaq fil-fond tal-appellata. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset din il-pretensjoni taħt dik il-parti ntitolata *"Flejjes relatati mal-bini tad-dar ta' l-intimata 40-42 fi Triq San Edwardu Birżebbuġia".*[49] Mill-kunsiderazzjoniet li tniżżlu taħt dik it-taqsima, jidher imbagħad li r-raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ma kkumpensatx lill-appellant għal dawn ix-xogħlijiet kienet għaliex, skont dik il-Qorti, s-somma pretiża mir-rikorrent ma ġietx ippruvata kif trid il-liġi.[50]

46. Magħdud dan, il-Qorti però tħoss li mill-provi li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u f'dan is-sens qed taqbel mal-appellant li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna lill-appellata tikkumpensah għal dik il-ħidma li wettaq għall-benefiċċju tagħha;

---

[49] F'paragrafu 36 tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet referenza speċifika għas-somma pretiża mill-appellant fl-ammont ta' €13,500 u dan dwar dawk ix-xogħlijiet li dwarhom huwa t-tielet aggravju.
[50] Ara paragrafu 44 tas-sentenza appellata;

47. Għalkemm l-appellata qed tipprova xxejjen dan l-aggravju billi targumenta li l-appellant "ma għamel prattikament xejn" minn dak li qed jgħid li għamel, mill-provi jirriżulta però mod ieħor. Pereżempju, minn sett ritratti li ressaq l-appellant u li ttieħdu fiż-żmien waqt li kien qed jagħmel ix-xogħlijiet fil-fond tal-appellata, jidher biċ-ċar li sa dak iż-żmien, is-servizzi tal-elettriku u anke tal-ilma kienu diġà mgħoddija minn ġol-ħitan.[51] Bl-istess mod, minn sett ritratti oħra li tressqu mill-appellata stess u li ressqithom bil-għan li turi fiex kien jinsab l-istat tal-proprjetà tagħha fiż-żmien li fih temmet ir-relazzjoni tagħha mal-appellant, jidher ukoll biċ-ċar li sa dak iż-żmien, is-servizzi kienu diġà ġew mgħoddija tant li l-art kienet diġà ġiet mirduma bit-torba filwaqt li l-ħitan kienu miksija.[52] Ta' min jgħid ukoll li meta mistoqsija in kontroeżami dwar dawn ir-ritratti, l-appellata stess ikkonfermat li s-servizzi kienu diġà għaddejjin u għall-mistoqsija dwar min kien għadda dawn is-servizzi, l-appellata wieġbet li dawn kienu mgħoddija mill-attur stess flimkien ma' missierha.[53] Ta' relevanza huwa wkoll il-fatt li għalkemm l-appellata tisħaq li ħafna mix-xogħlijiet saru minn missierha u ntemmu minn ħuha, l-appellata għażlet li ma tressaqx lil dawn sabiex jixhdu dwar l-involviment tagħhom. Mhux l-istess però jgħodd għall-appellant, li ressaq kemm lil missieru[54] kif ukoll

[51] Ara Dok PF8 sa PF10, fol 120 – 122.
[52] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Angelique Xerri li sar waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2022, (fol. 210 u 210 *tergo*)
[53] Id.
[54] Ara l-affidavit ta' Victor Spiteri (fol. 31); u t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Victor Spiteri li sar waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2020, (fol. 95 – 102).

lil zijuh[55] li lkoll ikkonfermaw kif huwa tassew kien medd idu kemm fl-installazzjoni tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma kif ukoll fil-bini tad-dar tal-appellata. Minn aspett fattwali, il-Qorti ma tistax għalhekk ma temminx lill-appellant meta jgħid li huwa medd idejh fil-bini u l-mogħdija tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-fond tal-appellata;

48. Fuq xejra legali, l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellata li l-appellant ma ħaqqu l-ebda kumpens għaliex ma kienx ġie miftiehem hekk, u li dan kien fl-aħħar mill-aħħar medd idejh għaliex kellu nteress, peress li dik id-dar kellha tkun id-dar matrimonjali tiegħu. Ironikament, il-Qorti hija tal-fehma li huwa sewwasew għal dawn l-istess raġunijiet li ssemmew mill-appellata stess li tnissel il-jedd tal-appellant li jiġi kkumpensat għax-xogħlijiet li wettaq fid-dar tagħha;

49. Bid-difiża tagħha, l-appellata mhux biss qiegħda tikkonċedi li l-appellant wettaq xi xogħol fid-dar tagħha, iżda wkoll qed tammetti li dan ix-xogħol ma twettaqx frott ta' xi obbligazzjoni li kien hemm bejniethom, iżda biss għar-raġuni li dik id-dar kienet maħsuba li tkun id-dar li fiha l-appellant kellu jqatta' l-kumplament ta' ħajtu flimkien magħha. F'dan l-istess kuntest, il-Qorti lanqas m'għandha l-ebda dubju li l-ħidma tal-appellant kellha utilità u vantaġġ ekonomiku għall-appellata, u dan għaliex li kieku l-appellant ma xammarx il-kmiem u medd idejh għax-

[55] Ara l-affidavit ta' Louis Camilleri, (fol. 32), u t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' l-istess Louis Camilleri li sar waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2020, (fol. 201 *tergo* – 202 *tergo*)

xogħol, l-appellata kien ser ikollha toħroġ aktar flus minn butha u dan kemm għall-bini tad-dar kif ukoll għall-istallazzjoni tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fid-dar tagħha. Min-naħa l-oħra, l-appellant spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma seta' qatt jieħu l-frott li kien qed jistenna mill-ħidma tiegħu u dan għaliex ir-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat qabel biss laħaq daħal jgħix f'dik id-dar, u għalhekk ma gawda qatt mix-xogħlijiet li wettaq. Huwa wkoll relevanti li l-appellata lanqas ma qalet li hija kienet qed topponi għax-xogħlijiet li saru mill-appellant u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li x-xogħol seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tagħha;

50. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-elementi kollha li huma meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tal-*actio de in rem verso,* li biha l-appellant għandu l-jedd li jiġi kkumpensat għall-ħidmietu huma sodisfatti u b'hekk l-appellant jistħoqqlu xi forma ta' kumpens għall-benefiċċju ekonomiku li l-appellata gawdiet frott il-ħidma tiegħu. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***Albert Mallia v. Albert Camilleri u Harold Portelli,***[56] kkonfermata minn din il-Qorti fil-1 ta' Diċembru, 2014);

51. Filwaqt li l-appellant jistħoqqlu li jiġi kumpensat għal ħidmietu, l-Qorti però ma jidhrilhiex li l-appellant ħaqqu l-ammont kollu ta' €13,500 li qed jitlob bħala ħlas ta' xogħolu;

[56] App. Ċiv Nru. 530/1992/1. F'din is-sentenza l-elementi tal-*actio de in rem verso* ġew sintetikament deskritti hekk: *"l-arrikkiment, in-nexus bejn il-kawża u l-effett, u l-karattru inġust tal-arrikkiment"*;

52. Fl-ewwel lok, u sa fejn għandu x'jaqsam mal-ammont ta' €10,000 li l-appellant qed jippretendi bħala kumpens għax-xogħlijiet li wettaq fl-installar tas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma fid-dar tal-appellata, l-Qorti tinnota li għalkemm l-appellant ressaq rendikont dettaljat tax-xogħol kollu li sar fid-dar tal-appellata,[57] l-appellant stess ammetta li x-xogħol tal-istallazzjoni tas-servizz tad-dawl u tal-ilma m'għamlux waħdu, iżda bl-għajnuna kemm ta' missieru li huwa '*electrician'* liċenzjat, kif ukoll ta' missier l-appellata li huwa inġinier tal-mekkanika.[58] Fi żgur, l-appellant ma jistax jippretendi kumpens għall-ħidma ta' missieru u dik ta' missier l-appellata u għaldaqstant il-Qorti jidhrilha li '*ex aequo et bono'* għandha tillikwida kumpens lill-appellant fl-ammont ta' <u>€3,000</u>. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ammont tal-aħħar huwa wkoll ġust meta wiehed iqis ukoll li l-appellant ma ressaq l-ebda prova li permezz tagħha wera li huwa '*electrician'* liċenzjat, u għalhekk il-Qorti ma tħossx li l-appellant għandu jiġi kkumpensat bl-istess rata li jiġi kumpensat *'electrician'* liċenzjat;

53. Il-Qorti lanqas ma taqbel li l-appellant ħaqqu €3,500 bħala kumpens u dan sa fejn għandu x'jaqsam mal-ħidma tiegħu fix-xogħol tal-bini tad-dar tal-appellata. Filwaqt li mir-rendikont 'Dok PF5' jidher li l-appellant qed jippretendi kumpens għal madwar 448 siegħa, li skont l-

---

[57] Ara 'Dok. PF4', fol. 113.

[58] Ara l-affidavit ta' Ian Spiteri, fol.23. Ara wkoll l-affidavit ta' Victor Spiteri li fih ikkonferma l-involviment tiegħu kif ukoll ta' missier l-appellata fix-xogħolijiet tal-istallazzjoni tas-servizzi fil-fond tal-appellata, (fol 31), u t-traskrizzjoni tal-kontroeżami tal-istess Victor Spiteri, fol 95-102.

appellant huma magħmula minn xogħol li sar minnu bejn nofs Ġunju u l-aħħar ta' Settembru 2014, konsistenti f'ħames sigħat kuljum matul il-ġimgħa, u seba' sigħat is-Sibt; mill-kontroeżami ta' Louis Camilleri li kien inkarigat mix-xogħol tal-bini tal-post tal-appellata, rriżulta li matul il-ġranet tal-ġimgħa l-appellant kien jagħmel bejn wieħed u ieħor mis-sagħtejn sal-ħamsa ta' waranofsinhar[59], u għalhekk madwar tliet sigħat kuljum u mhux ħamsa. Barra minn hekk, filwaqt li minn dak ir-rendikont jidher li l-appellant qed jippretendi kumpens bir-rata ta' €8.00 fis-siegħa, li skont l-appellant *"hija l-aktar rata baxxa li jitolbu l-ħaddiema tal-kostruzzjoni",*[60] l-appellant naqas għal kollox milli jissustanzja dan b'xi provi siewja, u għalhekk, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-appellant ħaqqu kumpens b'dik ir-rata. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti tħoss li l-appellant, li lanqas ma wera li għandu xi esperjenza fil-qasam tax-xogħol tal-bini, ħaqqu kumpens bir-rata tal-paga minima nazzjonali għall-ħaddiema fil-qasam ta' kostruzzjoni li f'dak iż-żmien kienet fl-ammont ta' €4.27 fis-siegħa.[61] B'applikazzjoni ta' din ir-rata għal tliet sigħat kuljum matul il-ġimgħa u seba' sigħat kull nhar ta' Sibt, u dan għal bejn il-perjodu ta' bejn nofs Ġunju sal-aħħar ta' Settembru tas-sena 2014, il-Qorti ser tkun qed tillikwida kumpens fl-ammont ta' €<u>1,409.10</u>;[62]

---

[59] Ara l-kontroeżami ta' Louis Spiteri, (fol. 202 *tergo*).
[60] Ara 'Dok. PF5', (fol. 114).
[61] Ara Paragrafu 21 ta' Sekda 1 tal-A.L. 482 tal-2014.
[62] Bl-esklużjoni tal-festi pubbliċi ta' Santa Marija fil-15 ta' Awwissu u tal-Vittorja fit-8 ta' Settembru: bejn il-perjodu ta' nofs Ġunju u l-aħħar ta' Settembru 2014, l-appellant jiġi li ħadem 75-il jum matul il-ġimgħa u ħmistax-il jum fil-ġurnata tas-Sibt. Bi tliet siegħat kuljum u seba' siegħat is-Sibt, l-appellant jiġi li ħadem 330-il-siegħa, li bir-rata ta' €4.27 is-siegħa jammontaw għal €1,409.10.

54. Il-Qorti qiegħda b'hekk tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant, u fl-aħħar tas-sentenza ser tkun qed tordna lill-appellata sabiex tħallas ukoll lill-appellant is-somma ta' **<u>€4,409.10</u>** li tirrappreżenta kumpens lill-appellant kemm għax-xogħol li għamel fl-installazzjoni tas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma, kif ukoll għall-għajnuna manwali li pprovda lill-bennej waqt il-bini tad-dar tal-appellata[63];

55. Ngħaddu issa għar-**<u>raba' aggravju</u>** li huwa dwar il-pretensjoni tal-appellant għal 'sehmu' mill-flejjes li kien hemm fil-kont bankarju konġunt tal-partijiet u li nġibdu mill-appellata. L-appellant jinsisti li nofs is-sehem ta' €13,000 li nġibdu mill-appellata fit-8 ta' Awwissu, 2015, kienu tiegħu u dan għaliex huma parti mir-rigali tat-tieġ li rċieva flimkien mal-appellata. Filwaqt li ma jiċħadx li dawk il-flus oriġinarjament tpoġġew f'dak il-kont minn kont bankarju tal-appellata, jargumenta li dan il-fatt waħdu ma jfissirx li dawk il-flus ma kinux tat-tnejn. Iqis ukoll bħala mingħajr 'ebda sens loġiku' l-argument tal-appellata li dawk il-flejjes kienu tagħha għaliex ġew mogħtija mill-qraba u ħbieb tagħha, u jargumenta li dawk il-flus kienu rigal tat-tnejn u dan irrispettivament minn jekk kinux ġejjin minn ħbieb jew qraba tal-appellata jew tiegħu;

[63] €3,000.00 + €1,409.10 = €4,409.10.

56. Fil-fehma tal-Qorti l-Ewwel Qorti kellha raġun li twarrab din il-pretensjoni tal-appellant. Ġaladarba li hemm biżżejjed provi li juru li l-flejjes li l-appellant qed jippretendi jedd fuqhom oriġinaw minn rigali tat-tieġ li ġew mgħoddija mill-qraba u ħbieb tal-appellata[64], allura teżisti preżunzjoni legali li dawk il-flejjes ingħataw lill-appellata u mhux lill-appellant[65]. L-appellant ma ressaqx provi li bihom għeleb din il-preżunzjoni legali u għaldaqstant, la hemm xejn 'illoġiku' fid-difiża tal-appellata, u wisq anqas hemm xi żball fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li tali flejjes qatt ma kienu tar-rikorrent. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud u dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li taqa' taħt it-titolu *"Sehem tar-rikorrent mill-joint account"* qed tiġi kkonfermata għal kollox;

57. Il-**ħames aggravju** tal-appellant huwa mbagħad dwar l-imgħaxijiet li l-Ewwel Qorti ordnat li għandhom jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza. Filwaqt li jaqbel li l-imgħaxijiet fuq l-ammonti li kienu għad iridu jiġu likwidati mill-Ewwel Qorti kellhom jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza, l-appellant imbagħad jgħid li għal dak li jirrigwarda l-ammonti 'ċerti u likwidati' bħal dawk li ġew imniżżla fl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 2018, l-interess għandu jibda jgħaddi mid-data ta' dik l-ittra uffiċjali u mhux mid-data tas-sentenza;

[64] Ara l-affidavit tal-appellata, (fol 134 u 135), u dan flimkien ma' 'Dok ANG5', li fih hemm lista tar-rigali li ngħataw mill-qraba u ħbieb rispettivi tal-partijiet (fol 144-154). Ara wkoll l-kontroeżami tal-appellata li sar waqt is-seduta tas-27 ta' April, 2022, (Fol 217 *tergo* – 218), u l-kontroeżami tal-appellant li sar waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju, 2020, u li fih l-appellant ammetta li l-flus li ġew mill-parti tal-mistednin tiegħu żammhom hu (fol 79-80);
[65] Ara l-Artikolu 1802 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

58. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi, filwaqt li taċċetta li l-appellant kien sejħilha biex tersaq għall-ħlas b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 2018, targumenta li f'din il-kawża l-appellant mhux biss ressaq pretensjoni *'da likwidarsi',* iżda saħansitra qed jippretendi ammont li huwa ferm akbar minn dak li oriġinarjament intalab minnu f'dik l-ittra uffiċjali;

59. Bla ħsara għal dak li ntqal fl-ewwel aggravju, l-Qorti jidhrilha li l-appellata għandha raġun li dan l-aggravju lanqas m'għandu jintlaqa. Għalkemm huwa minnu li fl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 2018,[66] l-appellant talab mingħand l-appellata s-somma determinata ta' €13,000 u dan bħala kumpens għax-xogħol manwali li wettaq fid-dar tagħha, l-Qorti jidhrilha li dan l-ammont ma kienx wieħed faċilment determinabbli jekk mhux b'sentenza ta' Qorti. Kif ġie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Avantgarde Holdings Limited v. Ivan Cassar et.*** deċiża fis-26 ta' Jannar, 2022[67], il-fatt innifsu li l-kreditur jippretendi somma fissa ma jfissirx li dak l-ammont kien determinat, u dan għaliex iċ-ċertezza għandha tirriżulta minn dak li huwa oġġettivament dovut. Intqal ukoll li ebda mgħax ma jkun dovut meta l-Qorti tagħti ammont inqas fejn kien diffiċli jekk mhux impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni ġudizzjarja fil-kawża. Kif rajna, fir-raba' aggravju, din il-Qorti ser tkun qed tagħti lill-appellant anqas minn terz ta' dak li

[66] Fol. 88.
[67] App. Ċiv. Nru. 1034/2013/1 – ara wkoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija.

oriġinarjament talab fl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 2018 u dan bħala kumpens għall-ħidma manwali tiegħu fid-dar tal-appellata. F'ċirkustanzi bħal dawn il-Qorti tħoss li l-prinċipju ta' *in liquindandis non fit mora* għandu xorta waħda jiġi applikat, u għalhekk il-Qorti ma tarax li l-appellata għandha teħel xi interessi fuq is-somma ta' €4,409.10, u dan qabel id-data tas-sentenza appellata;

60. Tal-istess fehma hija l-Qorti dwar l-imgħax fuq l-ammonti li ssemmew fit-tieni aggravju u li jirrappreżentaw l-flejjes li l-appellant ħareġ minn butu għall-benefiċċju tal-appellata. Apparti li l-appellant naqas li jitlob xi somma determinata fit-talbiet finali tar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, l-appellant lanqas qatt qabel din il-kawża ma talab lill-appellata biex tħallsu xi somma speċifika u dan sa fejn għandha x'taqsam dik il-pretensjoni. Għaldaqstant, anke fuq l-ammont ta' €28,667.00,[68] għandu japplika wkoll il-prinċipju ta' *in liquindandis non fit mora*;

61. Il-ħames aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

62. L-**<u>aħħar aggravju</u>** huwa mbagħad dwar il-pretensjoni tal-appellant għar-rifużjoni tal-valur taċ-ċurkett tal-għerusija fl-ammont ta' ħames t' elef ewro. Jilmenta li f'paragrafi 37 u 38 tas-sentenza l-Ewwel Qorti marret '*ultra vires'* billi ddikjarat li huwa tilef id-dritt li jieħu lura ċ-ċurkett tal-

---

[68] €7,015.00 + €21,652.00.

għerusija jew il-valur tiegħu għaliex iż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment bi ħtija tiegħu, u jgħid li tali materja setgħet tiġi deċiża biss mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja li jekk mitluba, tara min mill-partijiet kellu jitlef id-drittijiet tiegħu;

63. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju ma jista' jwassal lill-appellant imkien. Irrispettivament minn kull argument fil-mertu, l-appellant ma niżżel l-ebda premessa jew talba finali dwar il-pretensjonijiet tiegħu sa fejn għandhom x'jaqsmu maċ-ċurkett tal-għerusija, u għalhekk la l-Ewwel Qorti u lanqas din il-Qorti ma tista' tordna lill-appellata biex troddlu lura ċ-ċurkett tal-għerusija jew inkella l-valur tiegħu. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Richard Dimech v Alessio Zammit et.***,[69] deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2022). F'dawn iċ-ċirkustanzi l-aħħar aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunjiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell tal-attur u b'hekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet premessi, u dan billi:

[69] App. Ċiv. Nru 478/2016/1LSO.

(i) Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tal-attur fl-ammont kumplessiv ta' **tlieta u tletin elf, seba' mija u tmintax-il ewro, u wieħed u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€33,718.21)**, rappreżentanti s-sommom ta':

(a) Erbat elef, erba' mija u disa' ewro, u għaxar ċenteżmi (€4,409.10) u dan in rigward tax-xogħol li twettaq mill-attur stess fil-proprjetà tal-intimata bl-indirizz ta' 40/42, Triq San Edwardu, Birżebbugia;

(b) tmienja u għoxrin elf, sitt mija, u sebgħa u sittin ewro (€28,667.00) u dan fir-rigward ta' spejjeż li nħarġu mill-attur għall-proprjetà tal-intimata bl-indirizz ta' 40/42, Triq San Edwardu, Birżebbugia; u

(c) sitt mija tnejn u erbgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€642.11), u dan bħala mgħaxijiet legali fuq is-somma li nħarġet mill-attur bħala pagamenti ta' self bankarju mħallas mill-attur favur l-intimata;

(ii) Tordna lill-intimata biex tħallas lill-attur is-somma ta' **tlieta u tletin elf, seba' mija u tmintax-il ewro, u wieħed u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€33,718.21)**, u dan bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti;

(iii) Tikkundanna lill-intimata sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-ittri uffiċjali bin-numru ta' 4105/16 tal-14 ta' Diċembru, 2016 u 28/2018 tat-13 ta' Frar, 2018; kif ukoll **is-sehem ta' tnejn minn tlieta (2/3)** tal-ispejjeż kollha kemm ta' dawn il-proċeduri kif ukoll dawk ta' quddiem l-Ewwel Qorti, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur;

Mill-bqija, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da